MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 489/2010

Appell Numru: 489/2010

Il-Pulizija
Vs
Alfred Borg

Illum 31 ta’ Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alfred Borg [detentur tal-karta tal-identita` numru 43464(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Time International (Sport) Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmulha bis-sahha ta’ l-istess Att, fit-22 ta’ Marzu, 2010 f’Nike Store – gewwa The Point – Tigne` - Sliema, pprovda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti

fiskali kif mahruga jew approvati mil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax il-Skeda ta’ l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru:XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija nhar il-10 ta’ Novembru, 2010 fejn l-ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-tlettax il-skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta Malta, sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba contra tieghu u ikkundannatu ghal multa ta’ tmien mitt euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Borg minnu pprezentat fit-18 ta’Novembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata fl-interita` taghha u minflok tipprovdi u tiddeciedi billi ssib lill-esponent mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-interita` taghhom, u b’hekk tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alfred Borg, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w interpretazzjoni hazina tal-ligi.

2. Illi l-pprovedimenti li a bazi taghhom l-esponent gie mixli imkien ma jipprovdu li l-ksur jew in-nuqqas ta’ osservanza ta’ wahda jew aktar mill-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-tlettax il-skeda ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (att. Nru. XXIII) ta’ l-1998 jew tal-artikolu 51 ta’ l-istess Att jikkostitwixxi offiza kriminali jew reat u ghalhekk l-esponent qatgt ma seta` gie misjub hait tal-ksur tal-istess partiti ;

Illi l-artikolu 77(o) ta’ l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII) tal-1998) jipprovdi testwalment li

kull persuna li – ‘tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna ohra u, jew tesponi ghall-bejgh oggetti,  waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna ohra u, jew tesponi ghall-bejgh oggetti, minn cash register  fiskali jew kotba tar-ricevuta fiskali kif mahruga jew approvata mill-Kummissarju’ tkun hatja ta’ reat… ;

3. Illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova minghajr l-ebda dubju li l-imputat Alfred Borg provda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;

4. Illi l-ewwel Qorti ma tatx kaz li gie ppruvat mix-xhieda migjuba mill-esponent li filwaqt in kwistjoni l-imsemmi hanut kellu fih ‘cash register fiskali’, cioe` cash register li huwa konsonanti mad-definizzjoni ta’ ‘cash register fiskali’ li tinsab f’partita 1 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema partita tipprovdi testwalment : ‘cash register fiskali’ tfisser cash register li jkun jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 ta’ din l-iskeda’, liema skeda jelenka l-imsemmija htigijiet, fil-fatt, testwalment jghid :

13. (1) Cash register fiskali ghandu:

(a) jkun sufficjenti biex jaghmel dawk il-funzjonijiet li jinsabu elenkati filparagrafu (2) ta’ din il-partita; u

(b) jkun ta’ tip specifikatament approvat mill-Kummissarju permezz ta’ avviz ippubblikat fil-Gazzetta jew approvat ghall-ghanijiet ta’ u skond l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa jew l-Att dwar it-Taxxa fuq ilValur Mizjud.

(2) Il-funzjonijiet li  cash register  ghandu jkun sufficjenti ghalihom ghallghanijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta’ din il-partita huma:

(a) l-istampar ta’ ricevuta maqsuma f’partiti ghall-provvisti maghmula f’kull operazzjoni b’mod li jigi indikat -

(i) isem u indirizz ta’ min jaghmel il-provvista u n-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud;
(ii) xi jkunu l-oggetti jew servizzi provvisti;

(iii) l-ghadd ta’ kull oggett provvist;

(iv) jekk kull oggetti ikunx taxxabbli jew ezenti mit-taxxa;

(v) it-total tal-kumpens, inkluza t-taxxa, imhallas ghall-provvisti inkluzi fl-operazzjoni;

(vi) numru konsekuttiv ta’ l-operazzjoni;

(vii) il-logo tat-taxxa kif specifikat mill-Kummissarju;

(viii) in-numru tas-serje tal-cash register;

(ix) id-data u hin tal-provvista;

(x) u/jew kull taghrif iehor hekk kif il-Kummissarju jista’ jehtieg;

(b) ir-registrazzjoni ta’ kull operazzjoni odjerna fuq gurnal stampat;

(c) il-hazna ta’ taghrif fih mgharraf li jkun mehtieg f’memorja li hadd ma
jista’ jidhol jew ibaghbas fiha.

5. Illi qatt ma gie ppruvat minghajr dubju li l-cash register li kien fl-imsemmi ‘Nike Store’ ma kienx jikkonforma ruhu ma xi wiehed jew aktar mill-rikjesti precitati u ghalhekk ma rrizultax li n-‘Nike Store’ gewwa The Point – Tigne – Sliema kien sprovvist minn cash register fiskali waqt li kien qed jigu provdut jew offrut oggetti ghal-bejgh;

6. Illi anzi, mix-xhieda migjuba mill-esponent, cioe` Peter Agius, financial controller tas-socjeta` Time International (Sport) Limited u Dominic Cachia u Jonathan Cassar, it-tnejn impjevati ta’ Shireburn irrizulta ben tajjeb li

s-software installat fil-kompjuter fl-imsemmi ‘Nike Store’ kien gia gie approvat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u b’hekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-cash register fil-hanut kien ‘cash register fiskali approvat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud’, liema stat ta’ fatt jirrizulta wkoll kemm mill-ittra datata l-14 ta’ Novembru, 2008 mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni lis-socjeta` Time International (Sport) Limited, kemm mic-certifikat mahrug mid-ditta tal-awdituri Deloitte u kif ukoll mill-ittra datata s-6 ta’ Mejju, 2010 mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni lis-socjeta` Time Internationa (Sport) Limited;

7. Illi rrizulta li kien hemm cash register fiskali fl-imsemmi ‘Nike Store’, tant li kienu qed jinhargu ircevuti fiskali mill-istess cash register fiskali fl-imsemmi ‘Nike Store’. Sfortunatament, ad insaputa tal-operaturi tal-hanut in kwistjoni, minhabba hsara teknika, il-cash register fiskali fl-imsemmi ‘Nike Store’ fil-waqt tal-ispezzjoni ma kienx qed jipprintja certi dettalji fuq l-ircevuti fiskali mahruga mill-istess cahs register fiskali – ghal-liema hsara teknika qatt ma jista` jiwegeb l-esponent u b’kull rispett jigi osservat li l-appellant qatt ma gie mixli in konnessjoni mal-hrug o meno ta’ l-ircevuti fiskali;

8. Illi ma giex ppruvat minghajr ombra ta’ dubju li l-hanut nike store, propjeta ta’ Time International (Sport) Limited kien sprovvist minn kotba tar-ricevuti fiskali;

9. Illi jirrizulta wkoll mid-dokument SP3 prodott mill-prosekuzzjoni li l-esponent fil-fatt ma huwiex l-uniku direttur tas-socjeta` Time International (Sport) Limited u li fil-fatt ma kienx l-esponent li kien prezenti fil-hanut in kwistjoni filwaqt tal-ispezzjoni effettwata mill-ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, cioe` mix-xhud Carmelo Cassar;

10. Illi l-appellant dejjem mexa b’diligenzz ta’ ‘bonus paterfamilias’ u dejjem sahaq ma l-impjegati tieghu li fil-hanut in kwistjoni kellu jkun hemm kotba tar-ricevuti fiskali apparti l-cash register fiskali;

11. Illi mix-xhieda prodotta mill-esponent irrizulta ben car li l-esponent kien ghamel dak kollu fil-poter tieghu sabiex in-'Nike Store' gewwa The Point – Tigne – Sliema jkun attrezzat b' 'cash register fiskali' – li fil-fatt kien u anke b'kotba tar-ricevuti fiskali u ghalhekk qatt ma setghu jikkonkorru l-elementi rikjesti biex l-esponent jinstab hat ital-ksur tal-artikolu 82 tal-Att;

12. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010) spettur tal-VAT, Carmelo Cassar, acceda fil-hanut illi l-appellant ghandu f'The Point, Tigne. Hemmhekk innota illi sar bejgh ta' hamsa u erbghin ewro (€45) u nghatat ricevuta. Però din l-ircevuta ma kinitx konformi mal-ligi peress illi kienet nieqsa l-exemption number u VAT registration number (fol 18).

Il-kumpanija li taghha huwa direttur l-appellant, Time International (Sport) Limited ghandha exemption number u VAT number però l-hanut partikolari ma rrappurtax dawn id-dettalji ghaliex ma kienx registrat mad-Dipartiment tal-VAT. Irrizulta illi l-kumpanija kellha iktar minn outlet wiehed però kien dak ta' The Point li dakinhar fit- tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010) ma kienx registrat mad-dipartiment tal-VAT.

Xehed in difesa Peter Agius li huwa l-financial controller ta' Time International, li xoghlu hu li jinforma lid-Dipartiment tal-VAT bil-ftuh ta' outlets godda. Skont hu, ghamlu wkoll ghall-hanut ta' Tigne. Jallega li l-exemption number u l-VAT number tal-kumpanija japplikaw ghall-hwienet kollha; ghandhom sistema centralizzata li qieghda fl-ufficcju taghhom l-Imriehel li hija komunikata mal-outlets kollha li l-kumpanija ghandha. Kien prezenti meta gew l-ispetturi u qalilhom li s-sistema kienu pruvawha jumejn qabel u kollox kien jahdem. Kellhom jergghu jigu biex jaraw li kien kollox sew però l-ispetturi ma gewx.

Waqt il-kontro ezami ammetta illi l-audit kien fil-process illi qed isir meta gew l-ispetturi u c-“certificate of compliance” sar wara. Ikkonferma illi d-Dipartiment tal-VAT awtorizzahom sabiex johorgu VAT receipt fiskali f’Mejju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 35 u 36).

Xehedu wkoll Domenic Cachia IT Support Services fejn informa lill-Qorti li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu kienu cemplulu biex jghidulu li l-printer ma kienx qed jipprintja l-exemption number u l-VAT. Is-sistema kienet qed tiffunzjona però ma kienx qed tipprintja n-numri. L-istess qal Jonathan Cassar li kien l-installer “of point of sale system”, u skont hu kollox kien qed jahdem sew u qatt ma gralhom hekk.

Ikkunsidrat:

L-argument tad-Difiza huwa illi kien hemm “a point of sales system” u kollox kien qed jahdem sew però f’dik il-gurnata gara xi hsara fil-printer u ma stampatx iz-zewg numri. Is-socjetà ghandha hafna outlets u dawn huma kollha centralizzati izda f’dak il-mument illi gew l-ispetturi din is-sistema waqfet. Zgur illi ma kienx hemm l-intenzjoni illi tigi evitata xi taxxa.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti m’ghandhiex dubbju illi s-socjetà inkwistjoni ghandha sistema kompjuterizzata sabiex tikkontrolla l-bejgh u l-movimenti fiskali tal-hwienet kollha illi ghandha, inkluz f’dak ta’ The Point, Tigne. Però, dina mhiex kwistjoni illi grat xi hsara fil-printer u ma gewx stampati z-zewg numri. Dana il ghaliex il-kumpanija giet moghtija awtorizazzjoni sabiex tuza l-exemption number u l-VAT registration number f’Mejju tal-elfejn u ghaxra (2010) u cioé wara li saret l-ispezzjoni tal-ispetturi tal-VAT. La l-kumpanija ma kellhiex ic-certifikazzjoni minghand il-Kontrollur tal-VAT sabiex tohrog ircevuta fiskali skont il-ligi, allura minn dak il-hanut partikolari, il-kumpanija ma setghetx legalment topera.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------